Onor Dr Simon Busuttil

# Maġistrat Inkwirenti

*Dr. Aaron M. Bugeja, M.A. (Law), LL.D. (melit)*

**Fl-atti tar-rikors tal-Onor. Dr. Simon Busuttil (K. I. 242669 M) bħala l-Kap tal-Opposizzjoni datat 26 ta' April 2017**

**Illum l-4 ta' Mejju 2017**

Il-Maġistrat Inkwirenti,

Ra r-rikors,

Ra d-digriet tiegħu tas-26 t'April 2017, li permezz tiegħu huwa ddeċieda li sabiex ikun f'qagħda aħjar li jevalwa jekk il-meritu tar-rikors jissubentrax fil-parametri tad-denunzja meritu ta' din l-investigazzjoni għażel li jisma' lil Dr. Simon Busuttil fis-27 t'April, 2017 fid-9.00.

Semgħa lil Dr. Busuttil jispjega d-denunzja tiegħu taħt ġurament;

Ra d-dokumenti eżebiti minn Dr. Simon Busuttil;

Ra d-digriet tiegħu tat-28 ta' Mejju 2017 fejn ordna li ai termini tal-Artikolu 546(4A) tal-Kodiċi Kriminali r-rikors jiġi notifikat lil Keith Schembri u lil Brian Tonna li ġew mogħtija jumejn għar-risposta, u dan sabiex wara l-Maġistrat ikun jista' jiddeċiedi jekk humiex stabbiliti l-prerekwiżiti meħtieġa sabiex ikun jista' jsir aċċess ossia investigazzjoni dwar l-*in genere* skont il-Liġi u dan wara li osserva illi :

(a) r-rikors għandu parti mill-fatti tiegħu li jitrattaw l-allegata eżistenza ta' kont bankarju da parti ta' Keith Schembri mal-Pilatus Bank u d-depożiti li allegatament saru f'dan il-kont: fatti li huma in parti komuni ma' din l-inkjesta. Biss fis-sustanza tagħha d-denunzja kontenuta fir-rikors promotur, tmur lil hinn mill-parametri tal-istħarriġ li qiegħed isir mill-Maġistrat Inkwerenti skont kif rifless fid-denunzja magħmula lilu, kif tirriżulta kemm mid-denunzja formali ppreżentata lill-Kummissarju tal-Pulizija mill-Avukati Dr. Pawlu Lia u Dr. Edward Gatt kif ukoll mir-rapport miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija datat 20 t'April, 2017.

(b) Illi fil-fehma tal-Maġistrat Inkwerenti, is-setgħat tiegħu fl-investigazzjoni dwar l-'*in genere*' huma wiesgħa mhux ħażin; iżda dawn is-setgħat jistgħu biss jiġu eżercitati fil-parametri u fil-limiti tan-*notitia criminis* li tkun ġiet magħmula lilu u li in bazi tagħha tkun infetħet l-investigazzjoni dwar l-*in genere*.

(c) Il-Maġistrat Inkwerenti m'għandux is-setgħa jintraprendi investigazzjoni dwar l-*in genere 'ex officio'* stante li skont l-Artikolu 546 tal-Kodiċi Kriminali dejjem tinħtieġ *notitia criminis* biex Maġistrat ikun jista' jiddeċiedi jekk jordnax investigazzjoni. *Multo magis* ma jistax hu stess iwessa' l-parametri ta' investigazzjoni kondotta minnu billi jimbarka fuq stħarriġ bażat fuq *notitia criminis* differenti minn dik oriġinali u li tkun mogħtija lilu fl-ambitu t'inkjesta maġisterjali *in corso* u li tkun inbdiet in bażi ta' *notitia criminis* b'meritu u b'finalita' differenti. Jekk jagħmel dan huwa jkun qed jaġixxi 'ultra vires' id-denunzja originali.

(d) Minbarra dan pero, u aktar minn hekk, għalkemm għar-raġunijiet premessi huwa ma jistax jintraprendi l-investigazzjoni mitluba mir-rikorrent fl-ambitu tal-preżenti investigazzjoni dwar l-*in genere*, xorta waħda huwa ma jistax iwarrab il-fatt li, qua Magistrat *'ut sic'* huwa jiġi li rċieva denunzja mingħand persuna li mhux il-Kummissarju tal-Pulizija jew l-Avukat Ġenerali. F'dan is-sens għalhekk jiskattaw id-disposizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 546(4A)(4B)(4C) tal-Kodiċi Kriminali.

Ra r-risposta ta' Keith Schembri li filwaqt li rrikonoxxa li d-denunzja msemmija fir-rikors promotur tmur lil hinn mill-allegazzjonijiet ta' Daphne Caruana Galizia u li in bażi tagħhom Dr. Joseph Muscat u

martu Michelle Muscat għamlu d-denunzja tagħhom, huwa kien tal-fehma li l-Maġistrat sottofirmat għandu diskrezzjoni sabiex jinvestiga xi allegazzjoni li huwa jkun irriskontra fil-kors tal-indaġini tiegħu. Huwa tenna li l-Maġistrat sottofirmat kellu jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu u jinkludi f'din l-inkjesta it-talba imresqa minn Dr. Simon Busuttil.

Ra wkoll ir-risposta ta' Brian Tonna li da parti tiegħu filwaqt li ċaħad bil-qawwa l-"allegazzjonijiet kalunnjuzi u diffamatorji" li saru fil-konfront tiegħu (kemm fir-rikors ta' Dr. Busuttil kif ukoll fid-dokument anness, u li huwa t-traskrizzjoni tal-konferenza stampa mogħtija mir-rikorrent) saħaq li huwa ma kellu ebda diffikulta' li ssir l-investigazzjoni mitluba mir-rikorrent. Huwa tenna wkoll li anke jekk il-fatti "u mhux allegazzjonijiet kongetturati" jirriżultaw li seħħew dawn ma jwasslux għall-konklużjoni li sar reat. B'hekk qal li waħda mill-prerekwiżiti hija nieqsa.

*Ikkunsidrat ulterjorment : -*

Illi f'dan l-istadju l-Maġistrat hu konfrontat b'denunzja tal-Kap tal-Opposizzjoni (li mhux il-Kummissarju tal-Pulizija jew l-Avukat Ġenerali) dwar allegati "tixħim" u "ħasil ta' flus". Ir-rikors tiegħu sar sabiex issir investigazzjoni dwar l-*in genere* ukoll fuq il-fatti denunzjati

minnu. L-*in genere* imbagħad jistabbilixxi jekk hemmx lok għall-azzjoni penali o meno. F'dan l-istadju il-Maġistrat irid jiddetermina jekk humiex soddisfatti l-prerekwiżiti meħtieġa sabiex issir investigazzjoni dwar l-*in genere* fir-rigward tal-allegati reati denunzjati fil-konfront ta' Keith Schembri u Brian Tonna. Ikun fl-aħħar tal-investigazzjoni dwar l-*in genere* li jkun jista' jingħad jekk hemmx lok għal azzjoni kriminali o meno; u f'każ pożittiv fir-rigward ta' liema reati tkun trid tiġi istitwita l-azzjoni penali u fil-konfront ta' min.

Il-prerekwiżiti għall-investigazzjoni dwar l-*in genere* huma dawk imsemmija fl-Artikolu 546(1) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid : -

> **546.** (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tas-subartikoli li jiġu minnufih wara dan, wara r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela ta' reat li jista' jingħata l-piena ta' priġunerija għal iżjed minn tliet snin, u jekk is-suġġett materjali tar-reat ikun għadu jeżisti, għandu jiġi deskritt l-istat tiegħu, bid-dettalji kollha wieħed wieħed, u għandu jiġi msemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jġib l-effett.

F'dan il-każ saret denunzja u ġiet ukoll konfermata bil-ġurament tad-denunzjant. Huwa pproduċa wkoll għadd ta' dokumenti biex jissostanzja l-imsemmija denunzja.

Id-denunzja saret fir-rigward ta' fatti li jekk avverati fi ħdan investigazzjoni dwar l-*in genere*, jistgħu jagħtu lok għal azzjoni penali li bħala riżultat tagħha, fil-każ ta' sejbien ta' ħtija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, jistgħu jimportaw piena:

(a) fir-rigward tal-allegat "tixħim" f'ċerti ċirkostanzi tista' tiżboq it-tliet snin priġunerija;

(b) fir-rigward tal-allegat ħasil ta' flus, definittivament li taqbeż il-piena ta' tliet snin priġunerija.

L-allegati fatti denunzjati, jagħtu lok għal "suġġett materjali tar-reat" li għadu jeżisti u li jrid jiġi priżervat. L-allegazzjoni tista' twassal għal azzjoni penali għal reati ta' natura finanzjarja li jeħtieġu konservazzjoni u preservazzjoni ta' diversi dokumenti li jkunu jridu jiġu deskritti u dettaljati wieħed wieħed u debitament analizzati ukoll minn esperti tekniċi. Dan minbarra xhieda okulari li jkunu jridu jiġu mitkelma. Id-dokumenti eżibiti mid-denunzjant ikunu jridu jiġu wkoll analizzati fid-dawl tal-ammissibbilita legali tagħhom.

Il-prerekwiżiti meħtieġa sabiex issir investigazzjoni dwar l-*in genere* huma soddisfatti.

Jibqa l-punt sollevat mill-Abbli Avukati Difensuri tad-denunzjat Keith Schembri dwar is-setgħa diskrezjonarja li huma jgħidu li jgawdi l-Maġistrat Inkwirenti.

Mingħajr ħtieġa ta' ripetizzjoni ta' dak li l-Maġistrat Inkwirenti diġa ddekreta fid-digriet tiegħu tat-28 t'April 2017, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, huwa ma jistax *ex officio* jaqbad u jintraprendi investigazzjoni dwar l-*in genere* fuq denunzja differenti, separata u distinta minn dik oriġinali – mhux għax ma jridx, iżda għax ma jistax.

F'dan il-każ, din id-denunzja differenti ġiet magħmula minn persuna li mhix il-Kummissarju tal-Pulizija jew l-Avukat Ġenerali. Dr. Simon Busuttil, għal raġunijiet li ġew spjegati minnu fix-xiehda tiegħu, għażel li ma jmurx jagħmel din id-denunzja mal-Kummissarju tal-Pulizija (jew l-Avukat Ġenerali) iżda għażel li jadixxi lil Maġistrat Inkwirenti bit-talba tiegħu u bil-konsiderazzjoni tal-fatti preżentati minnu.

Ix-xenarju maħluq b'dan il-*modus operandi* skatta l-proċedura legali, aktar unika milli rari, kontemplata bl-Artikolu 546(4A) tal-Kodiċi Kriminali. L-Abbli Difensuri ta' Keith Schembri irrikonoxxew li d-denunzja ta' Dr. Busuttil ma tistax titqies bħala parti jew estensjoni tad-denunzja oriġinali stante li l-meritu legali tagħha huwa ben distint; iżda huma xorta jallokaw diskrezzjoni lil Maġistrat sottofirmat biex jinkludi fl-ambitu ta' din l-inkjesta d-denunzja ta' Dr. Busuttil. Biss hija l-Liġi stess li ma tħallix diskrezzjoni lill-Maġistrat.

Għalkemm hemm ħafna aspetti tal-Liġi regolanti l-investigazzjonijiet dwar l-*in genere* li ma humiex ċari, f'dan ix-xenarju maħluq bir-rikors tal-Kap tal-Opposizzjoni, il-proċedura li għandha tiġi segwita hija ċara u spjegata fl-Artikoli 546(4A)(4B)(4C) tal-Kodiċi Kriminali. Hija l-Liġi stess li f'dak ix-xenarju tneħħi d-diskrezzjoni minn idejn il-Maġistrat Inkwirenti u titfa' l-għażla ta' liema Maġistrat jieħu konjizzjoni tal-investigazzjoni dwar l-*in genere* **fuq ix-xorti** billi tgħid li l-Maġistrat li jkun irid jikkonduċi l-investigazzjoni dwar l-*in genere* jintagħżel bil-polza minn fost il-Maġistrati kollha. Dan huwa kjarament stabbilit bl-Artikolu 546(4C) tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Maġistrat ma jimxix skont dan l-Artikolu, ikun il-Maġistrat li jkun qed jonqos milli jobdi u jimxi ma disposizzjoni ċara tal-Liġi. Il-Maġistrat sottofirmat ma jistax jagħmel dan.

F'dan ix-xenarju, il-Maġistrat ma għandux għażla. Il-Liġi għażlet din il-proċeduri sabiex jiġi evitat kull forma ta' *forum shopping,* kemm mid-denunzjant kif ukoll mid-denunzjat. Għalhekk hija x-xorti li tiddetermina min jikkonduċi l-*in genere* u mhux il-Maġistrat li jkun irċieva d-denunzja mingħand persuna li mhux il-Kummissarju tal-Pulizija jew l-Avukat Ġenerali.

Apparti minn hekk pero, l-investigazzjoni dwar l-*in genere* li tkun tista' tiġi ordnata għandha bħala għan aħħari tagħha li tiġi stabbilita l-verita

ġudizzjarja tal-fatti. Huwa għalhekk meħtieġ li l-integrita ta' din l-investigazzjoni dwar l-*in genere*, b'mod partikolari f'każ delikat bħal dan, tiġi mħarsa f'kull aspett tagħha – kemm dak sostantiv, kif ukoll dak formali. Il-Maġistrat sottofirmat ma jistax jagħti l-interpretazzjoni suġġerita mill-Abbli Avukati Difensuri ta' Keith Schembri fid-dawl ta' disposizzjonijiet tal-Liġi ċari. Jekk jagħmel dan jirriskja li jintakka l-integrita tal-investigazzjoni.

L-aċċertament ġudizzjarju tal-fatti b'mod integru u rett rifless f'investigazzjoni dwar l-*in genere* għandu jkun l-aqwa tarka kemm għal min hu innoċenti kif ukoll għal min mhux. U huwa meħtieġ ukoll li għal dan il-għan ma jkun hemm ebda dubju mhux biss fuq il-meritu tal-investigazzjoni dwar l-*in genere per se* jew dwar il-konklużjonijiet eventwali, iżda wkoll fir-rigward ta' min ikun qiegħed jikkonduċiha u kif ikun wasal li jikkonduċiha hu. U huwa għalhekk li l-Liġi tħalli l-għażla tal-Maġistrat Inkwirenti f'idejn ix-xorti u mhux l-għażla ta' xi waħda mill-partijiet involuti jew mill-Maġistrat.

**Konklużjoni**

Il-Maġistrat sottofirmat jidhirlu li mill-fatti preżentati lilu f'dan l-istadju, jirriżulta li ġew soddisfatti l-prerekwiżiti meħtieġa sabiex issir

investigazzjoni dwar l-*in genere* fir-rigward tal-fatti allegati fir-rikors promotur relattivament għar-reati denunzjati fil-konfront ta' Keith Schembri u Brian Tonna kif imsemmi fir-rikors.

Għaldaqstant jordna li din id-deċiżjoni tiġi notifikata lid-denunzjant Dr. Simon Busuttil kif ukoll lid-denunzjati Keith Schembri u Brian Tonna fejn kull wieħed minnhom jista', fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni, jagħmel rikors lill-Qorti Kriminali biex tiġi revokata d-deċiżjoni tal-Maġistrat sottofirmat u fejn dik il-Qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq ir-rikors bl-urġenza u fejn eventwalment jekk ma jsirx tali rikors jew, jekk isir, il-Qorti Kriminali tkun tal-fehma wkoll li l-investigazzjoni dwar l-*in genere* għandha ssir, il-Maġistrat li jmexxi l-aċċess għandu jingħażel bil-polza minn fost il-Maġistrati kollha.

***Aaron M. Bugeja***

***Maġistrat***